14 ta' Marzu, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Gerardo Mackay** *versus* **Canolis Bianco German et.**

**Obligazzjoni — Self — Mara — Mandat — Separazzjoni Personali — Kummerċjant — Illiċejtà — Nullità — Azzjoni "de in rem verso" — Art. 1014 u 1266 tal-Kodiċi Civili.**

*Kwalunkwe konvenzjoni ta' mara miżżewġa bla kunsens u intervent ta' żewġha fuq l-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, hija nulla; salvo li r-raġel ikun ta l-kunsens tiegħu bil-miktub, u salvi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kummerċjali.*

*It-teorija tal-mandat taċitu tar-raġel lil martu mhix applikabbli meta l-miżżewġin ikunu jgħixu separatament u b'ekonomija separata.*

*Il-karattru tal-kummerċjant mhux impress għal dejjem, u jista' jispiċċa malli dak li jkun jieqaf li jikkummerċja.*

*L-azzjoni kontra l-mara, li ma tistax tiġi sostnuta minħabba n-nuqqas ta' kunsens tar-raġel jew ta' l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, tista' tiġi sostnuta bħala azzjoni "de in rem verso". Imma biex tista' tiġi hekk sostnuta mhux biżżejjed li jiġi pruvat il-versament tal-flus, imma hemm bżonn li tiġi pruvata wkoll il-versjoni utili.*

*Biex self jista' jiġi dikjarat null minħabba kawża illeċita mhux biżżejjed li l-kawża okkażjonali kienet fil-ħsieb tal-mutwant dik li jingrazzja ruħu mal-mutwatarja. Jekk il-kawża diretta kienet dik leċita tas-self, dak is-self ma hux annullabbli minħabba illeċejità tal-kawża.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £38, bi-

lanċ ta' somma akbar billi mitluba f'diversi drabi. Bl-imgħax legali min-notifika u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tal-21 ta' Diċembru 1945 u tal-mandat ta' elevazzjoni tat-30 ta' Jannar 1946, kontra l-konvenuta ngunta għas-subizzjoni;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 1014 Kodiċi Ċivili, Kap. 23), kull konvenzjoni magħmula minn mara miżżewġa bla kunsens jew intervent ta' żewġha fl-att, jew mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, hi nulla, salva d-dispożizzjoni tat-tieni subartikolu ta' l-artikolu 9 ta' l-istess Kodiċi (li ma hijiex applikabbli għal dan il-każ) u salvi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kummerċjali;

Illi l-konvenuta tammetti li ħadet b'self minn għand l-attur is-somma ta' £50 u li fadlilha tagħti l-bilanċ ta' £38; imma tgħid li dan is-self sar bla kunsens u ntervent ta' żewġha. Dan hu anki ammess mill-attur, li qal li ttratta mal-konvenuta biss u li 'l-żewġha lanqas biss jafu. Il-konvenuta hi separata minn żewġha "de facto" minn sebgħa snin 'il hawn;

Illi apparti li fil-każ l-azzjoni kienet tkun kontra r-raġel (Appell Ċivili Inferjuri "Zammit vs. Mifsud", 26. V. 1923), it-teorija tal-mandat taċitu ma hix applikabbli meta, bħal f'dan il-każ, il-miżżewġin jgħixu separati u b'ekonomija separata. U għalhekk ma hux il-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-art. 1015 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi ma jirriżultax illi l-konvenuta ngannat lill-attur billi wrietu li hi xebba jew armla mentri kienet miżżewġa, u għalhekk ma jistax il-ġudikant jirradika l-obligazzjoni tagħha fuq daqshekk, kif sar f'każijiet oħra li ġew quddiem il-qrati (ara Prim'Awla "Abela vs. Formosa", 12. 2. 1879);

Illi għalkemm żmien qabel dan is-self, xi sena qabel kif xehdet il-konvenuta u mhux kontradetta, hija setgħet tiġi rigwardata bħala kummerċjanti, għaliex kienet it-titolari, għad li in assoċjazzjoni, f'ħanut, u kienet tittratta mal-merkanti (Kummerċ "Portelli vs. Vella", 29.XI.13, u Pardessus, I, no. 78), eppure, fiż-żmien tas-self hija kienet ilha li qatgħet li tikkummerċja u rriprendiet il-kwalità tagħha solita u ordinarja ta' artista — l-istess kwalità li fiha kienet sejra timpjega ruħha ma' l-

attur fiż-żmien tas-self. Hu risaput li l-karattru tal-kummerċjant ma hux impress għal dejjem u jista' jispiċċa. Apparti dan, ma rriżultax illi s-self sar in konnessjoni mal-kummerċ tal-konvenuta, u għalhekk ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-art. 13 Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 17 Ediz. Riveduta;

Illi għalhekk is-self ġie nullament magħmul;

Ikkunsidrat;

Illi però, kif ġie ritenut mill-Imħallef Dr. Cremona, sedenti f'din il-Qorti fil-kawża "Fortunato Mifsud vs. Agostina Cardona", 23 ta' Ġunju 1921, l-azzjoni, jekk ikun il-każ, tista' tiġi sostnuta bħala azzjoni "de in rem verso". Dan il-prinċipju, anċit f'din is-sentenza, għandu mhux biss is-suffraġju ta' l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili fiha ċitat, jiġifieri dak li llum hu l-artikolu 1265 Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, imma għandu anki l-appoġġ tal-ġurisprudenza estera l-aktar akkreditata (ara Fadda, art. 1307, para.26-42-45-46, u Coen 20-21-22-58);

Illi ma hux biżżejjed li l-attur jipprova l-versament tas-somma (li f'dan il-każ ma hux miċħud), imma hemm bżonn li, għall-finijiet ta' dan l-aspett ta' din l-azzjoni, juri wkoll il-versjoni utili (ara Fadda, loc. ċit., para. 66 u 68);

Illi f'dan il-każ l-unika prova li tista' tiġi valjata fuq daqshekk hija x-xhieda tal-konvenuta. Minn din il-Qorti tista' b'sikurezza tirritjeni, bħala versjoni utili, dik biss relativa għassomma ta' £25 li l-konvenuta ammettiet li servewha għall-bżonnijiet tagħha meta hi, ma' tul dik is-sena, wara li qatgħet tinnegozja u qabel ma mpjegat ruħha ma' l-attur, ma kienetx qiegħda taħdem. Hu ċar li din l-ispiża kienet mhux voluttwarja, imma neċessarja u fil-vantaġġ tagħha (ara Fadda, loc. ċit., para. 73-79-88; Coen loc. ċit., para. 15);

Kwantu għal £15 minnhom, kif qalet hi, fi spejjeż ġudizzjarji, ma hemmx elementi biżżejjed biex wieħed igħid li dawn kienu versjoni profikwa għaliha. Anki jekk l-ispejjeż kienu in konnessjoni mal-kawżi kontra żewġha, u anki jekk irraġel għandu jagħti lill-mara f'kawża ta' separazzjoni somma għall-"alimonia litis", f'dan il-każ l-arrikkiment kien ikun mhux tal-konvenuta imma ta' żewġha, li jkun iffranka dik is somma minħabba li jkun tahielha l-attur;

Illi għalhekk għal £23 hemm il-versjoni utili;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta sostniet ukoll li kull xorta ta' obligazzjoni tagħha hi nulla minħabba l-kawża illeċita; għaliex, kif qalet hi, issolleċitaha "ad turpia", billi, meta għamlilha s-self, taha tifhem ċar li riedha tikkonkubina ruħha miegħu;

Illi però din il-prova ma hijiex, fil-fehma tal-Qorti, suffiċjenti biex turi dak li jeħtieġ sabiex treġġi d-deduzzjoni hekk opposta, illi ċjoè s-self sar bħala kumpens għal favuri illeċiti sperati. Anki jekk il-kawża okkażjonali kienet fil-ħsieb ta' l-attur li bis-self jingrazzja ruħu mal-konvenuta, il-kawża diretta kienet dik leċita ta' self (ara Prim'Awla "Bonnici vs. Dimech", 5 ta' Mejju 1928). Din id-deduzzjoni għalhekk ma hijiex sostnuta;

Illi kwantu għad-deduzzjoni tal-konvenuta fis-sens illi hi ma għandhiex fl-ebda każ tħallas l-ispejjeż tal-mandat ta' l-impediment tal-partenza, għaliex l-attur ma ddeduċiex il-pretensjoni tiegħu bih kawtelata fiż-żmien tal-liġi, din ma hijiex fondata. Infatti t-terminu ta' erbat ijiem jibda jgħaddi mill-jum li fih jingħata lir-rikorrent l-avviż ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat. Fil-każ preżenti, dan l-avviż ġie mogħti lill-attur, kif jidher mir-riferta tal-marixxal fl-atti tal-mandat, fil-31 ta' Jannar 1946. Hu ddeduċa fl-4 ta' Frar, jiġifieri fi żmien utili, għaliex it-terminu hu ta' granet tax-xogħol, u t-3 ta' Frar kien il-Ħadd;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi:

Billi tilqa' d-domanda għas-somma biss ta' £23 u tirrespinġiha għall-bqija; bl-ispejjeż "pro rata" tar-rebħ u t-telf.